MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 415/2008

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, fejn dan wara li ppremetta:

Illi l-kontendenti zzewgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru elfejn u tnejn (2002), kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghhom tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb billi l-kunsens intrabat ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kinux interdetti jew morda b'mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (c) u/jew 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (g) u/jew 19 (1) (h).

Ghaldaqstant, titlob ghalhekk l-esponenti lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimata huwa null u bla effett.

Rat li, ghalkemm debitament notfikata, il-konvenuta ghazlet li ma twegibx ghall-kawza.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Il-provi kollha mressqa f'din il-kawza jikkonsistu sempliciment f'zewg affidavit qosra tal-partijiet u xejn aktar, dan meta r-rikors promotur jelenka lista shiha ta' kawzali li fuqhom l-attur isejjes il-kawza tieghu.

Il-partijiet iltaqghu u zzewgu f'Malta fis-27 ta' Dicembru 2002, wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ghal xi sitt xhur. Il-konvenuta kellha tifla ta' disa' snin li l-Qorti tassumi, kienet minn relazzjoni precedenti. Il-konvenuta u bintha kienu jghixu ma' nanna, li ma kinitx tal-fehma li z-zwieg kellu jsehh. Madanakollu, il-partijiet izzewgu u, pero', z-zwieg sfaxxa f'qasir zmien.

L-ewwel kawzali li fuqha ssejjes l-azzjoni tieghu l-attur, hija dik tal-qerq. Il-Qorti tiddikjara mal-ewwel li ma ssib imkien fiz-zewg affidavits xi hjiel ta' xi qerq, u ghalhekk din il-kawzali qed tigi skartata minnufih.

Imbaghad l-attur jghaddi biex jallega li kunsens tal-partijiet, iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzjoni jew b'anomalija psikologika. Fid-dawl tal-insenjament ta' dawn il-Qrati f'materja ta' nullita' ta' zwieg a bazi ta' din il-kawzali, il-Qorti fliet u regghet fliet il-ftit provi li kellha quddiemha u ma sabet xejn fihom li jista' b'xi mod iwassalha ghall-konkluzjoni li l-kunsens kien vizzjat kif qed jigi allegat. Il-fatt li l-partijiet ghagglu biex izzewgu u ma tawx piz bizzejjed lid-differenzi kulturali u religjuzi bejniethom m'huwiex minnu nnifsu prova ta' vizzju ta' kunsens.

Lanqas ma ngiebet xi prova ta' immaturita' esterna. Jista' jkun li l-partijiet dahlu ghar-rabta taz-zwieg b'intenzjonijiet diversi imma dan il-fatt ukoll ma gie pruvat b'ebda mod. Lanqas ma ngiebet lill-Qorti ebda prova ta' eskluzjoni pozittiva taz-zwieg, jew, anqas u anqas, tal-allegazzjoni li kunsens ta' xi hadd mill-partijiet kien b'xi mod marbut ma' kundizzjoni jew li l-partijiet kellhom setghat intellettwali nieqsa.

Il-Qorti hawnhekk ittenni dak li gie ritenut f'dawn ic-cirkostanzi u cioe' li "z-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista Civili biss." (Farrugia vs Farrugia, Appell Civili, 28 ta' Lulju, 1987).

**Fid-dawl tal-premess, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tal-attur.

L-ispejjez jithallsu mill-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------